

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1267

tal-10 ta' Settembru 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, l-informazzjoni li tikkonċerna 41 individwu u 28 entità fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li tiġi emendata.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

“Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
4.	Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ) Denys Valentynovych BEREZOVSKYY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Kharkiv, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna)	Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali tal-Ukrajna fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, biex b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna. Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015. Attwalment Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Paċifiku tal-Federazzjoni Russa u Viċi Ammirall.	17.3.2014
19.	Aleksandr Viktorovich VITKO (Александр Викторович ВИТКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 13.9.1961 Post tat-twelid: Vitebsk (SSR tal-Belarużja), issa l-Belarużja	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Kap tal-Persunal u l-Ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa.	17.3.2014
29.	Vladislav Yurievich SURKOV (Владислав Юрьевич СУРКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.9.1964 Post tat-twelid: Solntsevo, ir-reġjun ta' Lipetsk, il-Federazzjoni Russa	Eks Assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet li jheddu l-awtoritajiet tal-Ukrajna fil-Krimea. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti	21.3.2014
34.	Dmitry Nikolayevich KOZAK (Дмитрий Николаевич КОЗАК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.11.1958 Post tat-twelid: Bandurovo, reġjun ta' Kirovograd, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna Nazjonalità: Russa	Eks Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. Eks Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa.	29.4.2014
40.	Sergei Ivanovich NEVEROV (Сергей Иванович НЕВЕРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1961 Post tat-twelid: Tashtagol, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks Viċi President tad-Duma tal-Istat. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma, kap tal-fazzjoni Russja Magħquda.	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
43.	German PROKOPIV (Герман ПРОКОПІВ) Нерман ПРОКОПІВ (Герман ПРОКОПІВ) (magħruf ukoll bħala Li Van Chol, Ли Ван Чоль)	Sess: raġel Data tat-twelid: 6.7.1993 jew 6.7.1991 Post tat-twelid: Praga, ir-Repubblika Ċeka	Membru attiv tal-"Gwardja ta' Luhansk". Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Luhansk. Għadu għellied militari attiv tal-LNR.	29.4.2014
47.	Sergey Gennadevich TSYPLAKOV (Сергей Геннадьевич ЦЫПЛАКОВ) Serhiy Hennadiyovych TSYPLAKOV (Сергій Геннадійович ЦИПЛАКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.5.1983 Post tat-twelid: Khartsyzsk, reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna	Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-"Milizzja Popolari ta' Donbas". Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-Istat fir-reġjun ta' Donetsk. Eks Membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u tal-Kumitat tiegħu dwar il-Politika Barranija, ir-Relazzjonijiet Esterni, il-Politika tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni.	29.4.2014
55.	Igor Nikolaevich BEZLER (magħruf ukoll bħala. Bes (devil)) (Игорь Николаевич БЕЗЛЕР) Ihor Mykolayovych BEZLER (Ігор Миколайович БЕЗЛЕР) magħruf ukoll bħala Igor Nikolaevich BEREGOVOY (Игорь Николаевич БЕРЕГОВОЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1965 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	Wieħed mill-eks mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tal-Uffiċċju tal-Ukrajna għas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fil-belt ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Igor Strelkov/Girkin li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.5.2014
76.	Rashid Gumarovich NURGALIEV (Рашид Гумарович НУРГАЛИЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 8.10.1956 Post tat-twelid: Zhetikara, ir-Repubblika Soċjalista Sovjetika Kazaka (issa l-Kazakistan)	Membru u Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.7.2014
86.	Serhii Anatoliyovych ZDRILIUK (magħruf ukoll bħala Abwehr) (Сергей Анатольевич ЗДРИЛЮК) (Сергій Анатолійович ЗДРИЛЮК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 23.6.1972 (jew 23.7.-1972) Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Frontovka, ir-reġjun ta' Vinnytsia, l-Ukrajna	Assistent għoli ta' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumta u aġixxa f'din il-kapaċità għalhekk huwa appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
87.	Vladimir ANTYUFEYEV (magħruf ukoll bħala Vladimir SHEVTSOV, Vladimir Iurievici ANTIUFEEV, Vladimir Gheorghievici ALEXANDROV, Vadim Gheorghievici SHEVTSOV) (Владимир АНТЮФЕЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.2.1951 Post tat-twelid: Novosibirsk, il-Federazzjoni Russa	Kien "Ministru għas-Sigurtà tal-Istat" fir-reġjun separatist ta' Transnistrija. Kien viċi prim ministru tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", responsabbli għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi. Fil-kapaċità tiegħu, kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Membri tal-Bord u Viċi Direttur Ġenerali tal-intrapriża tal-Istat "United Engine Corporation", membru tal-bord tal-intrapriża tal-Istat JSC Research and Production Enterprise imsemmija "Temp" għal F.Korotkov. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	25.7.2014
92.	Arkady Romanovich ROTENBERG, Arkadii Romanovich ROTENBERG (Аркадий Романович РОТЕНБЕРГ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.12.1951 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa)	Arkady Rotenberg huwa negozjant Russu prominenti, li għandu rabtiet personali mill-qrib mal-President Putin. Sa minn Marzu 2014, Rotenberg, jew il-kumpanniji tiegħu, irċevew kuntratti Statali li jammontaw għal aktar minn USD 7 biljuni. Fl-2015, Rotenberg kien fil-quċċata tal-lista annwali ta' kuntratti tal-gvern f'termini ta' valur, wara li nġhata kuntratti li jiswew RUB 555 biljun mill-Gvern Russu. Ħafna minn dawn il-kuntratti nġhataw mingħajr proċessi kompetittivi formali. Fit-30 ta' Jannar 2015, il-Prim Ministru Dmitry Medvedev iffirma digriet li ta lill-kumpannija Stroygazmontazh ta' Rotenberg kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment. Permezz ta' dawn il-kuntratti hu bbenefika finanzjarjament minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-annessjoni tal-Krimea jew għaddestabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. Eks sid tal-kumpannija Stroygazmontazh, li nġhatat kuntratt Statali għall-bini tal-pont ta' Kerch mir-Russja sar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa illegalment u għalhekk jikkonsolida l-integrazzjoni tagħha fil-Federazzjoni Russa li b'hekk imbagħad tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Bl-istess mod, f'Jannar 2017, Stroygazmontazh inġhatat kuntratt Statali ta' RUB 17-il biljun għall-bini ta' linja ferrovjarja fuq il-pont ta' Kerch li għal darb'oħra tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Sid ta' żewġ kumpanniji, Mostotrest u Stroygazmontazh-Most, ddeżinjati għall-attivitajiet tagħhom li jdgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna (entitajiet Nru 43 u 46 f'dan l-Anness). Għall-involviment tiegħu fil-bini tal-pont ta' Kerch huwa nġhata l-ordni tal-Istat "Eroj tax-Xogħol tal-Federazzjoni Russa" f'Marzu 2020.	30.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Huwa l-president tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija tal-pubblikazzjoni Prosvescheniye, li notevolment implimentat il-proġett "Lit-Tfal tar-Russja: Indirizz – Krimea", kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi li tfasslet biex tikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li issa huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja, u b'hekk jappoġġaw il-politika tal-Gvern Russu li tintegra l-Krimea fir-Russja.	
97.	Vladimir Petrovich KONONOV (magħruf ukoll bħala "Tsar") (Владимир Петрович КОНОНОВ) Volodymyr Petrovych KONONOV (Володимир Петрович КОНОНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 14.10.1974 Post tat-twelid: Gorsky, oblast ta' Luhansk, l-Ukrajna	Mill-14 ta' Awwissu 2014, ħa post Igor Strelkov/Girkin, bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Hu maħsub li kellu taħt il-kmand tiegħu diviżjoni ta' ġellieda separatisti f'Donetsk minn April 2014 'l hawn u wiegħed li jsolvi l-kompitu strateġiku li jwaqqaf l-aggressjoni militari tal-Ukrajna. Kononov b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Imneħħi mill-kariga tal-hekk imsejjaħ "Ministru għad-Difiża" f'Settembru 2018. Kap tad-Direttorat għall-Għajnuna Soċjali lil Membri tas-Servizz Irtirati u l-Edukazzjoni Patrijottika, taħt l-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	12.9.2014
100.	Andrey Yurevich PINCHUK (Андрей Юрьевич ПИНЧУК) Andriy Yuriyovych PINCHUK (Андрій Юрійович ПИНЧУК)	Sess: raġel Data possibbli tat-twelid: 27.12.1977 Post tat-twelid: Tiraspol, ir-Repubblika tal-Moldova	Eks "Ministru għas-sigurtà statali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti Direttur Eżekuttiv u president tal-Kunsill tal-Kmandanti tal-"Unjoni ta' voluntieri ta' Donbas".	12.9.2014
101.	Oleg Vladimirovich BEREZA (Олег Владимирович Берёза)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.3.1977 Post tat-twelid: Frunze, distrett ta' Slobodzia, ir-Repubblika tal-Moldova	Kien l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Interni" tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li kien responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	12.9.2014
109.	Viktor Petrovich VODOLATSKY (Виктор Петрович ВОДОЛАЦКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.8.1957 Post tat-twelid: Stefanidin Dar, reġjun ta' Rostov, il-Federazzjoni Russa	Eks President ("atman") tal-Unjoni tal-Forzi Kosakki Russi u Barranin. Membru tad-Duma tal-Istat. Eks Viċi President tal-Kumitat tad-Duma għall-Affarijiet tal-KSI, l-integrazzjoni Ewroasjatika u r-relazzjonijiet mal-kompatrijotti. Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea u ammetta li l-Kosakki Russi kellhom involviment attiv fil-konflitt Ukren fuq in-naħa tas-separatisti appoġġati minn Moska. Fl-20 ta' Marzu 2014 ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea"	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir- "Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol".	
122.	Larisa Leonidovna AIRAPETYAN (magħrufa wkoll bħala Larysa AYRA- PETYAN, Larisa AIRAPETYAN jew La- rysa AIRAPETYAN) (imwiela ZHILKO) (Лариса Леонидовна АЙРАПЕТЯН) (born ЖИЛКО) (Лариса Леонілівна АЙРАПЕТЯН)	Sess: mara Data tat-twelid: 21.2.1970 Post tat-twelid: possibbilment Antrat- sit, oblast ta' Luhansk, l-Ukrajna	Kienet l-hekk imsejjaħ "Ministru għas-Saħħa" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal- Poplu ta' Luhansk". Ħarġet bħala kandidata fl-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' Kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Dawn l-"elezzjonijiet" huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidata fl-"elezzjonijiet" illegali, għaldaqstant hija appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizzat aktar lill-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.11.2014
131.	Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Vyaches- lavovych ORLOV) (Евгений Вячеславович ОРЛОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.5.1980 jew 21.10.- 1983 Post tat-twelid: Snezhnoye, oblast ta' Donetsk, l-Ukrajna г. Снежное, Донецкой области, Украи- на	Membru tal-"Kunsill Nazzjonali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks president tal-moviment pubbliku "Donbass Ħieles". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizza aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
132.	Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO (magħruf ukoll bħala Vladislav Niko- layevich DEYNEGO) (Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО) (Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 12.3.1964 Post tat-twelid: Romny, oblast ta' Su- my, l-Ukrajna Ромны, Сумская область, Украина jew possibbilment ir-raħal ta' Gornyats- kiy, id-distrett ta' Perevalsk, oblast ta' Luhansk, l-Ukrajna.	Eks "Viċi Kap" tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabbilizza aktar lill-Ukrajna. Attwalment l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Affarijiet Barranin" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".	29.11.2014
141.	Ekaterina Vladimirovna GOGIASHVI- LI (imwiela FILIPPOVA) (Екатерина Владимировна ГО- ГИАШВИЛИ - imwiela ФИЛИППО- ВА) Kateryna Volodymyrivna GOGIASH- VILI (imwiela FILIPPOVA) (Катерина Володимирівна ГО- ПАШВІЛІ - imwiela ФІЛІППОВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 20.1.1988 Post tat-twelid: Krasnoarmeysk (issa Pokrovsk), oblast ta' Donetskaya, l-Uk- rajna	L-hekk imsejħa eks "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal- Poplu ta' Donetsk". Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal- Ukrajna, u ddestabbilizzat aktar lill-Ukrajna. Eks Direttur għad-Dipartiment għall-organizzazzjoni tax-xogħol tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Viċi Kap tal-uffiċċju tal- hekk imsejjaħ "Ombudsperson tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
146.	Zaur Raufovich ISMAILOV (Заур Рауфович ИСМАИЛОВ) Zaur Raufovich ISMAYILOV (Заур Рауфович ИСМАЙЛОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.7.1978 (jew 23.3.1975) Post tat-twelid: Krasny Luch, Voroshilovgrad, reġjun ta' Luhansk, l-Ukrajna	Kien l-hekk imsejjaħ "Prosekutur Ġenerali" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" (sa Ottubru 2017). Bħalissa l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
153.	Konstantin Mikhailovich BAKHAREV (Константин Михайлович БАХАРЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 20.10.1972 Post tat-twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna)	Membru tad-Duma tal-Istat, elett mir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment. Viċi President tal-Kumitat tad-Duma dwar is-Swieq Finanzjarji. F'Marzu 2014 Bakharev inħatar Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Krimea", u f'Awwissu 2014 bħala l-Ewwel Viċi President ta' dak il-korp. Huwa ammetta l-involviment personali tiegħu fil-ġrajjet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li huwa appoġġa pubblikament, inkluż f'intervista ppubblikata fuq is-sit web gazetakrimea.ru fit-22 ta' Marzu 2016 u s-sit web c-pravada.ru fit-23 ta' Awwissu 2016. Huwa ġie ppremjat bl-ordni "Għal-lealtà għad-dmir" mill-"awtoritajiet" tar-"Repubblika tal-Krimea".	9.11.2016
154.	Dmitry Anatolievich BELIK (Дмитрий Анатольевич БЕЛИК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 17.10.1969 Post tat-twelid: Id-distrett Ust-Yansky, Kular, SSR awtonoma ta' Yakut (issa l-Federazzjoni Russa)	Membru tad-Duma tal-Istat, elett mill-belt ta' Sevastopol li ġiet annessa illegalment. Membru tal-Kumitat tad-Duma dwar il-Kontroll u r-Regolamentazzjoni u President tal-Kumitat ta' Esperti għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni għall-Krimea u Sevastopol. Bħala membru tal-amministrazzjoni municipli ta' Sevastopol fi Frar-Marzu 2014 appoġġa l-attivitajiet tal-hekk imsejjaħ "Sindku tal-Poplu" Alexei Chaliy. Huwa pubblikament ammetta l-involviment tiegħu fil-ġrajjet tal-2014 li wasslu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li ddefenda pubblikament, inkluż fuq is-sit web personali tiegħu u f'intervista ppubblikata fil-21 ta' Frar 2016 fuq is-sit web nation-news.ru. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija – it-tieni grad".	9.11.2016

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
158.	Andrey Vladimirovich CHEREZOV (TSCHERESOW) (Андрей Владимирович ЧЕРЕЗОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 12.10.1967 Post tat-twelid: Salair, oblast ta' Kemerovskaya, il-Federazzjoni Russa	Viċi Ministru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa. Iġorr parti mir-responsabbiltà għad-deċiżjoni li jiġu ttrasferiti turbini tal-gass li kienu ġew ikkonsenjati minn Siemens Gas Turbine Technologies OOO lil OAO VO Technopromexport, biex jiġu installati fil-Krimea. Din id-deċiżjoni tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u tipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	4.8.2017
159.	Evgeniy Petrovich GRABCHAK (Евгений Петрович ГРАБЧАК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.7.1981 Post tat-twelid: Ust-Labinsk, reġjun ta' Krasnodar, il-Federazzjoni Russa	Eks Kap tad-Dipartiment fil-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa u responsabbli fil-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa għall-iżvilupp ta' proġetti elettro-enerġetiċi fil-Krimea. Dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Viċi Ministru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa.	4.8.2017
164.	Aleksandr Yurevich PETUKHOV Aleksandr Yuriyevich PETUKHOV (Александр Юрьевич ПЕТУХОВ) Oleksandr Yuriyovych PIETUKHOV (Олександр Юрійович ПЕТУХОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 17.7.1970 Post tat-twelid: Ryazan, il-Federazzjoni Russa	Ex President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Kap Spettur Federali tar-reġjun ta' Moska.	14.5.2018
165.	Miroslav Aleksandrovich POGORELOV (Мирослав Александрович ПОГОРЕЛОВ) Myroslav Oleksandrovych POHORIELOV (Мирослав Олександрович ПОГОРСЛОВ))	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.6.1968 Post tat-twelid: Novorossiysk, il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol (sa Mejju 2019). F'din il-kapaċità huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.5.2018
173.	Vladimir Yuriyevich VYSOTSKIY (Владимир Юрьевич ВЫСОЦКИЙ) Volodymyr Yuriyovych VYSOTSKYI (Володимир Юрійович ВИСОЦЬКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.4.1985 Post tat-twelid: villaġġ ta' Lekarstvennoe, ir-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea", l-Ukrajna	Eks "Segretarju" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". F'din il-kapaċità, ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u b'hekk appoġġa azzjonijiet u implimenta b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-Ukrajna. "Aġent Kap" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	10.12.2018

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
174.	Maksim Aleksandrovich SVIDCHENKO (Максим Александрович СВИДЧЕНКО) Maksym Oleksandrovych SVIDCHENKO (Максим Олександрович СВИДЧЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 6.4.1978 Post tat-twelid: Luhansk, l-Ukrajna	"Viċi President" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità, ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u b'hekk appoġġa azzjonijiet u implimenta b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizza aktar lill-Ukrajna.	10.12.2018
175.	Ekaterina Vasilyevna TERESHCHENKO Ekaterina Vasilievna TERESHCHENKO (Екатерина Васильевна ТЕРЕЩЕНКО) Kateryna Vasylivna TERESHCHENKO (Катерина Васи́лівна ТЕРЕЩЕНКО)	Sess: mara Data tat-twelid: 31.5.1986 Post tat-twelid: Luhansk, l-Ukrajna	"Segretarju" tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk". F'din il-kapaċità, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni tal-hekk imsejħin "elezzjonijiet" tal-11 ta' Novembru 2018 fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u b'hekk appoġġat azzjonijiet u implimentat b'mod attiv politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzat aktar lill-Ukrajna	10.12.2018
178.	Aleksey Mikhailovich SALYAEV Aleksey Mikhailovich SALYAYEV (Алексей Михайлович САЛЯЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 22.8.1978 jew 4.12.-1975	Uffiċjal kmandant tal-bastiment tal-pattulji tal-fruntieri "Don" (numru tar-reġistrazzjoni 353) tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa. Huwa kellu l-kmand tal-bastiment li pparteċipa b'mod attiv f'azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġ tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018, u mexxa attakk fuq il-lanċa tal-irmonk estwarja, "Yany Kapu", tal-Flotta Navali Ukrena. Dawk l-azzjonijiet ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov u b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni. Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	15.3.2019
179.	Andrei Olegovich SHIPITSIN (Андрей Олегович ШИПИЦИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 25.12.1969 Post tat-twelid: Astrakhan, il-Federazzjoni Russa	Uffiċjal kmandant tal-bastiment tal-pattulji tal-fruntieri "Izumrud" tas-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa. Huwa kellu l-kmand tal-bastiment li pparteċipa b'mod attiv f'azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġi tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni. Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	15.3.2019

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
180.	Aleksey Vladimirovich SHATOKHIN (Алексей Владимирович ШАТОХИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.1.1971	Kap tas-Servizz tal-Punt ta' Kontroll ta' Kerch għar-"Repubblika tal-Krimea u l-Belt ta' Sevastopol" tas-Servizz tas-Sigurtà Federali tal-Federazzjoni Russa. Huwa pparteċipa f'operazzjonijiet kontra bastimenti Ukreni matul l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġi tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018 li ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov, u li b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni. Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	15.3.2019
182.	Sergey Alekseevich SHCHERBAKOV (Сергей Алексеевич ЩЕРБАКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 2.11.1986	Huwa kellu l-kmand tal-bastiment ta' kontra s-sottomarini "Suzdaets" tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa, li pparteċipa fl-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa kontra bastimenti Ukreni u l-ekwipaġġi tagħhom fil-25 ta' Novembru 2018, u pparteċipa b'mod attiv fl-imblokk tal-lanċa tal-irmonk "Yany Kapu" u l-qbid tal-gunboat armat "Nikopol". Dawk l-azzjonijiet ma ppermettewx l-aċċess minn bastimenti Ukreni għall-kosta tagħhom fuq il-Baħar ta' Azov u b'hekk dgħajfu l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna u dgħajfu s-sigurtà tal-Ukrajna billi ħarbtu l-movimenti u l-operabbiltà tal-bastimenti navali Ukreni. Dawk l-azzjonijiet appoġġaw ukoll il-konsolidament tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	15.3.2019
184.	Sergei Andreevich DANILENKO (Сергей Андреевич ДАНИЛЕНКО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 14.3.1960 Post tat-twelid: Krasnodar, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, huwa pparteċipa fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
185.	Lidia Aleksandrovna BASOVA (Лидия Александровна БАСОВА) Lidia Olexsandrivna BASOVA (Лідія Олександрівна БАСОВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 1972	Viċi Kap tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, ipparteċipat fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
186.	Ekaterina Eduardovna PYRKOVA (Екатерина Эдуардовна ПЫРКОВА) Kateryna Eduardivna PYRKOVA (Катерина Эдуардівна ПИРКОВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 22.8.1967 Post tat-twelid: Sevastopol, USSR (issa l-Ukrajna)	Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, ipparteċipat fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet lokali fit-8 ta' Settembru 2019 fil-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
187.	Ekaterina Borisovna ALTABAEVA (Екатерина Борисовна АЛТАБАЕВА) Kateryna Borysivna ALTABAEVA (Ka- терина Борисівна АЛТАБАСВА)	Sess: mara Data tat-twelid: 27.5.1956 Post tat-twelid: Uglich, USSR (issa l-Fe- derazzjoni Russa)	Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa għall-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment. Billi assumiet din il-kapaċità u aġixxiet fiha, ħadmet għall- integrazzjoni ulterjuri, fil-Federazzjoni Russa, tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u implimentat politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal- Ukrajna.	28.1.2020
188.	Yuriy Mikhailovich GOTSANYUK Yu- riy Mikhailovich GOTSANIUK (Юрий Михайлович ГОЦАНИУК) Iurii Mykhailovych HOTSANIUK (Юрій Михайлович ГОЦАНИУК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.7.1966 Post tat-twelid: Novaya Derevnnya / No- ve Selo, USSR (issa l-Federazzjoni Rus- sa)	Prim Ministru tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Billi assumta din il- kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għall-integrazzjoni ulterjuri, fil-Federazzjoni Russa, tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Krimea u b'hekk appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l- indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
189.	Vladimir Vladimirovich NEMTSEV (Владимир Владимирович НЕМЦЕВ) Volodymyr Volodymyrovych NEMT- SEV (Володимир Володимирович НСМЦЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.11.1971 Post tat-twelid: Sevastopol, USSR (issa l-Ukrajna)	President tal-hekk imsejħa "Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment. Billi assumta din il-kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għall-integrazzjoni ulterjuri, fil-Federazzjoni Russa, tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, b'mod attiv, appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l- integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020
190.	Mikhail Vladimirovich RAZVOZ- HAEV (Михаил Владимирович РАЗВО- ЖАЕВ) Mykhailo Volodymyrovich RAZVOZ- HAEV (Михайло Володимирович РАЗ- ВОЖАСВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1980 Post tat-twelid: Krasnoyarsk, USSR (is- sa l-Federazzjoni Russa)	L-hekk imsejjaħ "aġent Gvernatur" tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment. Billi assuma din il-kapaċità u aġixxa fiha, ħadem għall-integrazzjoni ulterjuri, fil- Federazzjoni Russa, tal-Belt ta' Sevastopol annessa illegalment u b'hekk, b'mod attiv, appoġġa azzjonijiet u implimenta politiki li jipperikolaw jew jheddu l- integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.1.2020

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
